## ~~GHANJA TA' BIDWI GHARBI~~
## ~~LIL-QAMAR~~

*~~Qamar sabiħ,~~*
*~~qamar li tiddi,~~*
*~~narak bħal ġemel~~*
*~~waħdu fix-xagħri:~~*
*~~għajnejn igħemmzu~~*
*~~fis-sema l-qamar,~~*
*~~għarus il-kwiekeb,~~*
*~~għarus sabiħ . . .~~*

*~~Fit-tinda tiegħi~~*
*~~hemm toqba ċkejkna,~~*
*~~int minn dit-toqba,~~*
*~~tidħol twennisni~~*
*~~f' dil-ħemda twila,~~*
*~~qamar sabiħ . . .~~*
*~~Qamar, inħobbok,~~*
*~~jekk ġo l-isħab~~*
*~~tidħol, tistaħba~~*
*~~u tarġa tidher~~*
*~~mimli bid-dawl . . .~~*

*~~Qamar sabiħ,~~*
*~~kemm iħobbuk~~*
*~~bħall-għarus tagħhom~~*
*~~tax-xagħri l-bniet,~~*
*~~jekk jarawk tiddi~~*
*~~minn bejn il-friegħi~~*
*~~għoljin tal-palm . . .~~*
*~~Hdejn dak il-bir,~~*
*~~b'leħenhom moħbi~~*
*~~jidħku . . . jitħaddtu,~~*
*~~min trid jismagħhom,~~*
*~~qamar, ħlief int?~~*

*~~Qamar sabiħ,~~*
*~~meta fix-xmajra~~*
*~~b'wiċċek il-midwi~~*
*~~tħares, jitriegħed~~*
*~~il-mewġ bid-dawl,~~*
*~~nixtieq fuq dgħajsa~~*
*~~fit-triq li tiddi~~*
*~~naqdef u naqdef~~*
*~~u nasal għandek~~*
*~~qamar sabiħ . . .~~*

~~Fr. JOSEPH CREMONA O.F.M.~~
~~Ramle — Israel~~

## LILL-BAHAR MEJJET

*Min bejn l-irdumijiet,*
*ja Baħar Mejjet,*
*bħal Għul ikħal . . . għafrid,*
*narak tgħatti l-ibliet*
*imġarrfa*
*tal midinbin . . .*
*Niżel mis-sema għal fuqhom*
*nar u kubrit . . .*

*Taħt dawk mewġietek morra*
*ta' Sodoma w Gomorra*
*jidbru l-erwieħ*
*mix-xjaten imdawwrin,*
*f'għanqa ta' wġigħ,*
*bla tama,*
*bla sabar,*
*bla serħ u bla mistrieħ,*
*ġo qabar*
*ta' ilmijiet . . .*

*Hekk narak, Baħar Mejjet,*
*minn bejn l-irdumijiet . . .*

Fr. JOSEPH CREMONA O.F.M.
Ramle — Israel